# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2003
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-Ewwel Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** __________

**Istruzzjonijiet lill-kandidati:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

---

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(1) | F(2) | Ġ | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 12 | 20 | 4 | 6 | 8 | 10 | 20 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

**Aqra sewwa s-silta u wieġeb :**

**L-Erbgħa ta' wara l-Għid kien wasal u mijiet ta' nies kienu sejrin Marsaxlokk. Darba jiġi San Girgor! U n-nies riedet tixxala. Insiet l-iskop ewlieni ta' San Girgor. Il-familja Borg ukoll marret. It-temp fetaħ xemxi u qrib nofs inhar Pawlu beda jirsisti ma' missieru biex jeħodhom dawra fuq dgħajsa tal-kiri. Fl-aħħar missieru qatagħlu xewqtu. (par. 1)**

**Krew dgħajsa u missierhom qabbad il-mutur u telqu. Pawlu kien ferħan se jtir, jara d-dgħajsa żżiġġ fuq l-ilma, u xi kultant jisma' t-twerżiq ta' xi gawwija. Missieru tah it-tmun f'idejh għal ftit ħin. Mexa mhux ħażin għalkemm xi tidwira bla bżonn ma naqsitx. Iżda s-sħab kien qed itella', u allaħares jibda jitqalleb il-baħar għax ara kemm jibżgħu. (par. 2)**

**Kienu qorbu lejn il-Gżejjer, meta…il-mutur waqaf. X'se jagħmlu? Wiċċ missieru tqarras u għalxejn ipprova jerġa' jqabbad il-mutur għax ma setax jieħu. Pawlu, issa, beda jibża' tassew. Missieru ma kellux mod ieħor x'jagħmel ħlief jaqbad il-moqdief u jaqdef għall-eqreb xatt. Iżda mhux lakemm tasal malajr, u kien qed jaqdef kontra l-kurrent li issa żdied sew. L-għaraq beda jxoqq għal missieru issa li l-mewġ beda jogħla u beda jberraq ukoll. (par. 3)**

**Id-dgħajsa bdiet titbandal sew u ma kinux jafu x'se jaqbdu jagħmlu. Ma deher ħadd fil-qrib jew fil-bogħod. Ħlief sema u baħar li jbeżżgħuk ma kinux qed jaraw. Pawlu, bejn bil-biża' u bejn li kienu mxarrbin, beda jitriegħed bil-bard. Fil-ħin iżda, jilmħu lanċa tal-Pulizija. X'ħin rawha, missieru qallu biex jibda jxejjer biċċa drapp li kien hemm fid-dgħajsa. Il-lanċa sa fl-aħħar kienet lemħithom u bdiet riesqa lejhom. Ġabrithom, u ġarret id-dgħajsa magħha wkoll. (par. 4)**

**Pawlu jibqa' jiftakru San Girgor. Iżda għalih iġiblu memorji t'avventura u ta' biża', u mhux ta' purċissjoni li ssir b'wegħda, ta' bejjiegħa ta' kull xorta, u ta' nies jixxalaw fuq il-blat. (par. 5)**

**(Addattament minn silta minn *Minn San Stiefnu Sal-Milied* ta' Franz Mifsud)**

## A. FEHIM IT-TEST (12-il marka)

1. Fejn kienu sejrin in-nies? (par. 1)

_______________________________________________ (marka)

2. Għalxiex beda jirsisti Pawlu? (par. 1)

_______________________________________________ (marka)

3. X'għamel Pawlu meta missieru tah it-tmun f'idejh? (par. 2)

_______________________________________________ (marka)

4. X'ġara meta waslu lejn il-Gżejjer u x'għamel missier Pawlu? (par. 3)

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

5. Għaliex ma setgħux jaslu malajr fl-eqreb xatt? (par. 3)

______________________________________________

______________________________________________ (marka)

6. Agħti żewġ raġunijiet għaliex il-familja ta' Pawlu kienet qed tibża'. (par. 4)

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

7. X'lemħu u x'qallu biex jagħmel missieru malli rawha? (par. 4)

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

8. X'memorji jġiblu San Girgor lil Pawlu? (par. 5)

______________________________________________ (2 marki)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (20 marka)

## GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Aqleb fis-singular.
Għandna klieb u għasafar.

______________________________________________ (3 marki)

2. Agħti l-Mamma u l-Għerq ta' dawn il-verbi.

| Verb | Mamma | Għerq |
|---|---|---|
| Għalqu | | |
| Setgħu | | |
| Ħaslet | | |

(6 marki)

3. Ikteb il-kliem li għandu sing taħtu fl-Għadd Imtenni.
   1. Mal-bidu tas-sena <u>2000</u> ( ____________________ ) bdejna Millennju ġdid.
   2. Fi żmien <u>2 ġimgħat</u> ( ____________________ ) nibdew il-vaganzi tas-Sajf.
   3. Il-farfett għandu <u>2 ġwienaħ</u> ( ____________________ ) ikkuluriti.

(3 marki)

4. *It-temp fetaħ xemxi u qrib nofs inhar Pawlu…* (par. 1)

- Sib l-aġġettiv f'din is-sentenza u imla l-vojt kif mitlub.

| Aġġettiv | Femminil | Plural |
|---|---|---|
| | | |

(3 marki)

## LESSIKU / VOKABULARJU

5. Sib mill-paragrafi l-kelma li tfisser l-istess bħal :

(i) viċin (ara par. 1) ________________________________

(ii) jaraw (ara par. 4) ________________________________ (2 marki)

## ANALIŻI TESTWALI

6. (i) Għal min qiegħed jirreferi l-pronom mehmuż **h** f'din is-sentenza?
*Missieru ta**h** it-tmun f'idej**h** għal ftit ħin.* (par. 2) _______________ (marka)

(ii) *Mexa mhux ħażin* (par. 2) tfisser :

| Mar 'il quddiem | | | Baqa' fejn kien | |
|---|---|---|---|---|

(marka)

## SINTASSI / SENTENZA

7. Għaqqad iż-żewġ sentenzi mingħajr ma tuża **U**.

Is-sħab kien qed itella'. Il-baħar beda jitqalleb ukoll.

______________________________________________________ (marka)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

### QWIEL U IDJOMI

1. Ikteb qawl minn dawk li studjajt din is-sena li fih jissemma Alla.

______________________________________________________ (2 marki)

2. Imla l-vojt biex tkompli l-idjomi li juru kulur.

Kellu idejh suwed _______________ u għalhekk beża' jmiss ix-xugaman abjad _______________ . (2 marki)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

1. F'madwar 60 kelma, ikteb dwar il-festa tar-raħal tiegħek.

**JEW**

2. Ikteb djalogu bejn il-fjuri u s-siġar fi ġnien f'madwar 60 kelma.

## E. PROĠETT - TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI - FOLKLOR (8 marki)

Agħżel suġġett li ħadt gost tfittex dwaru meta ħdimt fuq il-proġett u ikteb fuqu f'madwar 60 kelma.

## F. LETTERATURA (30 marka)

1. **POEŻIJA : NADRIET 1** – *L-Għasfur* ta' Ninu Cremona



Wieġeb dawn il-mistoqsijiet :

A. Xbieha tal-ħsieb li tgħix fl-għoli tas-sema,
taħrab is-sħab, il-lejl u d-dlamijiet,
inti ħudni 'l bogħod ningħażel minn das-swied
ta' qalb li nħoss, li tqil kuljum jinġema'.

(i) Dan huwa (i) sunett petrarkjan ☐
(ii) sunett shakesperjan ☐

(marka)

(ii) Għal min qiegħed jirreferi l-kliem *xbieha tal-ħsieb li tgħix fl-għoli tas-sema* ?

______________________________ (marka)

(iii) X'qed jitlob il-poeta f'din is-silta?

______________________________ (2 marki)

(iv) Ikteb il-frażi mis-silta li turi d-dwejjaq tal-poeta.

______________________________ (marka)

B. F'ħames linji agħti l-ħsieb tal-poeżija *San Franġisk u l-Gamiem* ta' Ġużè Delia.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (5 marki)

2. **PROŻA**
Wieġeb il-mistoqsijiet :

A. **FRA MARTIN u NOVELLI OĦRA** ta' Ġużè Chetcuti.

FRA MARTIN

(i) X'kien jilbes Fra Martin? ______________________________ (marka)

(ii) Fejn kien sikwit jixgħel Fra Martin? ______________________________ (marka)

(iii) Fejn issir il-festa ta' Ħadd in-Nies? ______________________________ (marka)

(iv) X'kien jisimhom iż-żewġ żgħażagħ f'din l-istorja? ______________________________ (2 marki)

B. **STEJJER MINN TARF IR-RAĦAL** ta' Ġorġ Borġ.

Wieġeb il-mistoqsijiet :

*Malli l-għada fil-għodu nstemgħet l-aħbar li mal-lejl mietet is-sinjura, ir-raħal kollu għela għaliha u t-tfal damu iżjed minn ġimgħa qabel ma reġgħu nġemgħu fil-misraħ.*

(i) X'kien jisimha s-sinjura? ______________________________ (marka)

(ii) X'kienu jagħmlu t-tfal meta jmorru l-misraħ?

______________________________ (marka)

(iii) Fi 3 linji ikteb il-ġrajja ta' din l-istorja.

______________________________

______________________________

______________________________ (3 marki)

Ċ. **META JAQA' Ċ-ĊPAR** ta' Trevor Żahra (5 mar

Agħżel **WAĦDA** u ikteb madwar sitt linji.

Fil-ktieb **Meta Jaqa' ċ-Ċpar** niltaqgħu ma' : Helen, John, Marthese, Pawlu u Salvina. Agħżel karattru minnhom u ikteb dwaru.

**JEW**

Irrakkonta l-avventura li għaddew minnha t-tfal meta daħlu fiċ-ċpar u sabu ruħhom f'Malta tal-passat.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

D. **STEJJER TAL-LINKA**

Tkellem dwar **WAĦDA** mill-istejjer jew poeżiji mit-taqsima **L-Iskola** li fiha l-ħajja tidher minn għajnejn it-tfal. (Ikteb madwar sitt linji.) (5 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata)



1. Il-familja tiegħi.
2. Ġrajja li ma ninsa qatt.
3. L-aktar programm favorit tiegħi fuq it-televixin Malti.
4. Ikteb dwar xi ħarġa li kellek ma' ta' l-iskola matul din is-sena.
5. Xatt il-baħar f'ġurnata sajfija.